# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru tlieta u ħamsin (53) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-5 ta' April, 2010, fis-6:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**<u>Korrispondenza</u>**

3. Il-Każin San Pawl laqa' l-istedina tal-Kunsill sabiex jagħmel marċ fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Safi. Il-marċ jibda fl-10.30am u jdum sa nofsinhar u jgħaddi mit-toroq prinċipali tar-raħal. L-ispiża involuta hija ta' €800. Il-Kunsilliera approvaw dan il-ħlas.

4. Il-Kunsill irċieva l-istedina għal preżentazzjoni ta' fondi (Malta) – Il-Ktieb Pass il-Bogħod minnek li ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fl-11.30am. Għal din il-preżentazzjoni ser jattendi is-Sindku.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender ta' Misraħ San Ġużepp**

5. Is-Sindku ikkonferma li l-Kunsill għadu jistenna r-rapport tal-Perit Musumeci sabiex il-kunsill jkun jista' jagħmel l-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender.

**Ġbir ta' skart separat**

6. Il-Kunsilliera ltaqgħu ma' rappreżentant tal-GreenPak nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ser jintagħżel il-GreenPak bħala l-Kuntrattur ġdid li ser jieħu ħsieb il-ġbir ta' skart separat ġewwa Ħal Safi. Għal daqstant, is-

SE intalab jikkonkludi l-kuntratt mal-Wasteserve sabiex l-immaniġġjar tal-*Bring in Sites* jgħaddi f'idejn il-Kunsill filwaqt li jiġi konkluż ukoll il-Kuntratt mal-GreenPak għal ġbir ta' skart mill-istess siti kif wkoll il-ġbir tal-borża is-sewda. Bl-arranġament il-ġdid, il-Kunsill Lokali jkun qed jibbenefika minn €20 kull tunnellata ta' skart separat li jinġabar.

**Jum Ħal Safi**

7. Dorianne Zammit ikkonfermat li l-Awtorità tal-Ambjent u Ippjanar ġew waħħlu il-bords tal-wirja tal-gallariji fis-Sala Muniċipali. Dawn ser jkunu esibiti tul il-ġimgħa kollha.

8. Il-Kunsilliera ddeċidew li Francis Callus jixtri 30 flixkun inbid abjad u 30 flixkun inbid aħmar għal l-attività tal-kompetizzjoni ta' l-inbid u *wine and pizza* kif wkoll ir-riċeviment ta' nhar il-Ħadd f'Jum Ħal Safi. Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu fuq il-kwantità ta' xorb li għandu jinxtara filwaqt li għaddew din il-lista lill-iskrivana sabiex tieħu ħsieb tixtri dan.

**Ħwejjeġ Oħra**

9. Is-Sindku ikkonferma li l-kaxxa tat-telefon f'Triq Santa Marija issa ġiet imwaħħla hekk fejn indikata fuq il-pjanti li ġew sottomessi lil MEPA għalkemm l-apparat tat-telefon għadu jrid jiġi installat.

10. Is-Sindku rrimarka li l-Festa tal-Patata f'Ħal Safi ma tistax issir fit-24 t'April għaliex din taħbat fl-istess ġurnata mal-Festa ta' Nar tal-Floriana. B'hekk qed jsiru l-arrangamenti neċessarji sabiex tinstab data oħra.

11. Dwar ir-restawr tan-niċċa tad-Duluri, Publius Abdilla staqsa jekk sid id-dar ikkuntattjax ir-restawratur u identifika t-toqob diġa' mħaffra fil-ħajt sabiex fihom jidħlu l-pajpijiet ħalli jsostnu t-tavlun li minn fuqu se jkun qed isir ix-xogħol neċessarju.

12. Ġie mitlub minn xi residenti sabiex jinqala bank minn Sqaq Santa Marija. Is-Sindku qal li ser ikellem lir-residenti ta' dan l-isqaq direttament biex jara hekk ir-residenti kollha ta' dan l-isqaq jaqblux li jinqala' dan il-bank. Francis Callus talab lis-Sindku jgħid lir-residenti jagħmlu din it-talba permezz ta' petizzjoni bil-miktub.

13. Dwar Triq il-Karwija, is-Sindku ppreżenta lista ta' spejjez li l-Kunsill nefaq f'din it-triq b'mod partikolari in-nefqa ta' l-isqaq li għadu kemm jsirlu sarlu wiċċ ġdid. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera sostnew li l-Kunsill għandu jitlob kumpens ta' dawn l-ispejjeż. Il-kumpens għandu jagħmel tajjeb wkoll għat-telf tal-konfini ta' Ħal Safi, liema post kien joffri post ta' rikreazzjoni għal diveri residenti kif wkoll bosta dilettanti tal-ajruplani. Is-Sindku qal li is-somma mitluba għanda tkun ta'

€50,000 u li din ma tkunx marbuta ma proġetti speċifiċi. Inkella, tintalab is-somma ta' €20,000 fuq l-istess bażi u jitkompla l-isqaq tal-Karwija sat- tarf tiegħu fil-ħarġa li tagħti għal Ħal Far. Jerome Busuttil qal li ser jkun diffiċli sabiex nipperswadu lil Malta Industrial Parks jgħatuna flus cash filwaqt li flimkien ma Publius Abdilla qablu li jiġu preżentati proġetti speċifiċi f'Ħal Safi sabiex jiġu ffinanzjati minnhom bħala kumpens. Eddie Bonello rimarka wkoll li ser jiġi installat radar ta' l-ajruplani ftit il-bogħod mill-Medavia. B'hekk issuġġerixxa li nikkuntatjaw lis-sur David Xuereb sabiex jagħtina n-numru tat-telefon tal-persuna li ser jieħu ħsieb din l-installazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk dan l-apparat huwiex ta' detriment għas-saħħa tar-residenti fil-viċin.

14. Eddie Bonello rimarka li qed jkun hawn diversi rapporti fuq kuntrattur partikolari li qed jagħmel xogħol fir-raħal. L-inġenji ta' dan il-Kuntrattur qed jħallu ħafna żjut u diesel fit-triq meta jsir ix-xogħol. Jimmy Busuttil talab lis-Sindku jibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex inaddfu dawn iż-żjut filwaqt li jiġi identifikat dan il-Kuntrattur u inkelmuh. Francis Callus qal li f'irħula oħra, Kuntratturi li ma jikkoreġux dan l-inkonvenjent jiġu mwaqqfa milli jaħdmu fir-raħal billi ma jinħarġux aktar permessi ta' xogħol fuqhom.

15. **Il-Payment Approval** Sheet No. 46 ġiet approvata.

16. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' April, 2010.

17. Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm.

Approvati llum 15/04/2010

Sindku　　　　　　　　　　Segretarju Eżekuttiv